# ID-DWELL F'MALTA FI ŻMIEN L-INGLIŻI (6)



JOSEPH SERRACINO



Inkomplu bil-kitba tagħna dwar id-dwell f'Malta u ngħaddi biex ngħaddilkom xi tagħrif fil-qosor dwar tliet każi ta' dwell fi żmien il-ħakma Ingliża fostna.

L-eqdem ġuri fiż-żmien l-Ingliżi kien dwar l-każ li kien jinvolvi qtil bid-dwell. Id-dwell sar fl-4 ta' Mejju tal-1802 qrib il-bieb tal-Forti tas-Salvatur il-Birgu bejn il-Kulunell Baylis tas-Sussex Regiment u l-Kaptan Newman tal-ewwel Battaljun tal-Lancashire Fusiliers.

Mara u l-għira sfrenata tal-Kulunell Baylis kienet il-kaġun li sar dan id-dwell u li fih il-Kaptan Newman safa ferut gravi u miet fit-13 ta' Mejju. Il-Kulunell Baylis ġie arrestat, mixli bi qtil u mgħoddi Qorti Marzjali, fejn is-sentenza kienet intbagħtet l-Ingilterra biex tiġi ffirmata mir-Re. Wara rriżulta, li l-kulunell ġie meħlus bl-iskuża li l-istedina għad-dwell ġiet mibgħuta mill-Kaptan Richard Newman u mhux minnu.

Każ ieħor ta' dwell u li wara sar il-ġuri tiegħu kien ġara fl-20 ta' April 1813 għal ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħodu bejn John Williams, messman tal-bastiment Ingliż "Regulus" u t-Tenent David Calleway. Dawn kellhom xi jgħidu u sfidaw lil xulxin għad-dwell fir-raba' barra l-Belt Valletta. Huma ħarġu minn Putirjal u mxew lejn il-Furjana lejn għalqa li dari kien hemm f'dawk innaħat u li kienet tagħti għal fuq Marsamxett (Msida Bastions). Huma kienu megħjunin minn parrinu wieħed. Dawn kellhom jiddwellaw sal-mewt jew sakemm il-parrinu kien ikun sodisfatt sempliċement billi jitfa' l-kappell tiegħu fl-art. F'dan id-dwell ntużaw il-pistoli! Ġara li wara li ħlew il-balal kollha bla ħadd minnhom ma ġie ferut, John Williams ried li jsewwu il-biċċa ta' bejniethom iżda Calleway ma aċċettax.

Għalhekk il-parrinu tela' l-Belt biex jixtri l-porvli u reġa' lura ftit tal-ħin wara. Iż-żewġt irġiel imlew mill-ġdid il-pistoli, marru f'posthom, tnax-il pass imbegħdin minn xulxin, u mas-sinjal tal-parrinu sparaw fuq xulxin, fejn Calleway baqa' mejjet fil-post. John Williams ġie arrestat u mixli bi qtil ta' Calleway, iżda wara l-proċess tiegħu ntbagħtet talba lill-Gvernatur Sir Thomas Maitland (1813 – 1824) u dan wara li kellem lit-tliet imħallfin tal-Qorti kriminali ħeles lil Williams.

Ġuri ieħor li wkoll il-ġrajja tiegħu kienet tinvolvi qtil bid-dwell seħħ fl-aħħar lejla tal-Karnival tas-sena 1842. Ħames fizzjali Ingliżi bdew jissuttaw bil-perlini lill-membri tal-familja Levick – Ingliż li kien ilu jgħix Malta madwar għoxrin sena. Xi ħbieb tal-familja marru jgħidu lil missierhom, u dan bis-sabar kollu ħadhom id-dar. Fit-triq reġgħu ltaqgħu mal-fizzjali u komplew bil-fastidju tagħhom, saħansitra wieħed minnhom wasal biex daħħal idu bil-perlini f'ħobb waħda mill-bniet ta' Levick u dan kien pront imbuttah.

Il-Fizzjal Septimus Adams maħsud bir-reazzjoni tal-missier refa' l-bastun u tah daqqa bih fuq rasu u tajjarlu l-kappell.

Kif appena Levick wassal lill-familja d-dar, reġa' ħareġ u mar ifittex lill-ħabib tiegħu ċertu Toni Mattie li kien Tenent tar-Riġment tal-Maltin, u wara li għarrfu bil-ġrajja kollha talbu biex imur isib lill-fizzjal li nsolenta lil bintu u jitolbu sodisfazzjon.

Il-Fizzjal Adams mar ikellem lill-kaptan Jeffries, il-fizzjal anzjan tar-Riġment Connought Rangers u dik il-lejla stess Jeffries kiteb biljett lil Levick u talbu jiltaqa' miegħu l-għada filgħodu għax xtaq ikellmu. Levick reġa' avviċina lil Toni Mattie u talbu biex imur hu minfloku bil-kundizzjoni li Adams jitlob maħfra ta' kull ma għamel. Din il-kwistjoni wasslet biex finalment isir id-dwell bejn Adams u Levick dak in-nhar stess fid-9 ta' Frar wara nofs in-nhar fl-qrib il-Forti tar-Rikażli fl-inħawi magħrufin bħala ta' Wied Għammieq.

L-armi li ntużaw f'dan id-dwell kienu pistoli f'distanza ta' tnax-il pied minn xulxin. Il-protagonisti ta' dan id-dwell ħadu posthom u mas-sinjal tal-Kaptan Jeffries, ippuntaw il-pistoli lejn xulxin u sparaw tir. Iżda ġara li waħda mill-pistoli ħadet in-nar u l-oħra (ta' Adams) ma ħaditx. Toni Mattie xtaq li l-biċċa tieqaf hawn, iżda l-Kaptan Jeffries ried li d-dwell jissokkta bil-Fizzjal Adams jispiċċa milqut serjament fi driegħu. L-għada Adams miet għax il-balla minn driegħu baqgħet dieħla 'l ġewwa u nifditlu fwiedu. Levick u Mattie għaddew ġuri, bl-ewwel wieħed mixli bil-qtil ta' Adams u l-ieħor bħala l-parrinu fid-dwell ġie mixli bħala kompliċi fil-qtil.

Fil-ġuri li sar fil-15 ta' Marzu 1842, il-ġurati wara li għarblu sewwa x-xhieda li semgħu ma sabuhomx ħatjin u ġew liberati.

Ironikament il-kwistjoni li nqalgħet madwar tmintax-il sena ilu fuq il-vapur Amerikan "La Salle" tfakkarna f'żewġ każi ta' dwell li seħħew f'Malta fil-bidu tas-Seklu Dsatax fejn fihom it-tnejn kienu nvoluti baħrin Amerikani. Jidher ċar li fil-konflitt li kellhom l-Amerikani mal-Libjani madwar mitejn sena ilu, il-Port il-Kbir kien qiegħed jintuża bħala bażi għall-bastimenti Amerikani. Kien proprju fi żmien dan il-konflitt (17 ta' Mejju 1803) li t-Tenenti Vandyke u Osborne niżlu l-art biex jissettiljaw il-kwistjoni li kellhom bejniethom bi dwell. Intużaw pistoli f'dan id-dwell.

Wara erba' *rounds* it-Tenent Vandyke ġie ferut f'koxxtu u miet tliet ġimgħat wara. Fl-istess żmien sar dwell ieħor bejn Ingliż li kien jgħix Malta u Amerikan, bl-Ingliż jitlef ħajtu f'dan id-dwell.

U proprju jien u nfittex xi tagħrif ieħor dwar id-dwell f'Malta fiż-żmien l-Ingliżi ltqajt ma' kitba oħra interessanti tal-istoriku Ġużè Gatt dwar tliet każi oħra ta' dwell f'Malta li seħħew fl-istess epoka u ddeċidejt li nislet xi siltiet minnhom u ndommhom ukoll f'din il-kitba dwar din id-drawwa li sfortunatament ħasdet il-ħajja ta' għadd ġmielu ta' vittmi nnoċenti.

Minkejja li fl-ewwel snin tas-Seklu Dsatax id-dwell kien ġie pprojbit f'bosta pajjiżi Ewropej u anke f'Malta, il-qrati madwar l-Ewropa kienu qegħdin jagħtu sentenzi ħorox għal min jinqabad jiddwella u anke għal dawk in-nies li bil-fomm jew l-għemil kienu jinstabu bħala kompliċi biex isir dan ir-reat. B'danakollu, minkejja li f'pajjiżna kellha l-liġijiet u l-pieni tagħha għal dawn ir-reati, insibu każi fejn il-protagonisti nqabdu, u meta tressqu l-qorti u s-sentenza tagħhom għaddiet għall-approvazzjoni quddiem l-awtorità suprema tal-pajjiż, għal xi raġuni jew oħra ma ttieħdux passi kontra tagħhom – liema raġunijiet mhux dejjem ingħataw. Dan il-fatt l-aktar li jidher u jinħass kien fiż-żmien il-ħakma Ingliża f'Malta.

